**Fis-sigħat bikrin ta' filgħodu**

Stenbaħt wara raqda tajba
Kont għajjien ma ngħidilkomx kemm,
X'ħin rajt is-sodda irqaddtlu
L-għaliex fiha sibt ħajt ta' kenn.

U meta qomt minn qiegħ qalbi
Għaddew turrun ta' ħsibijiet,
Fis-skiet li saltan madwari
Telgħuli bosta tifkiriet.

F'dak is-skiet ta' għodwa kiesħa
Intbaħt bl-għana tal-imħabba,
Li tibqa' tintiehem sewwa
Għax hi waħedha ixxabba.

F'das-skiet ta' filgħodu f'moħħi
Għaddew bil-bosta tant bnedmin,
Li ltqajt magħhom jew smajt bihom
Uħud jinsabu mal-ħenjin.

Dan kollu qed jgħinni nifhem
Kemm il-ħajja tgħaddi malajr ,
Kemm tassew iblaħ il-bniedem
Li miskin ma jafx jizzi ħajr.

Tih biss li dejjem jippretendi
U li jħossu superjuri,
Ghal kull xejn ħallieh jiddardar
Qisu waħdu għandu x'juri.

Imbagħad b'naqra buffura
Aqta' kif jispiċċa tabakk,
Basta jagħti l-impressjoni
Li hu s-sid għaliex hu makak.

O frugħa tal-frugħat iskot
Ħalli l'Alla biss imexxik,
Miegħu tkun taf il-veru sliem
Mhux mid-dinja li tidħak bik.

Għalhekk Ġesù qed nitolbok
F'dal-kwiet tal-għodwa, insemmik,
Għix fija għax lilek għandi
Jiena nibqa' nafda biss fik.

Patri Mario Attard OFM Cap

2 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.